MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1115/1993/1

**Joseph Agius**

**vs**

**George Wells u Alex Galea ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` 'Stainless Steel Products Limited'**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI ATTRICI**

1. L-attur ipprezenta citazzjoni fejn ippremetta illi huwa jahdem mas-socjeta` konvenuta bhala *machine operator* u ilu jahdem mal-konvenuti nomine ghal 21 sena.

Illi fl-14 ta' Settembru, 1992, l-attur kien involut f'incident fuq ix-xoghol liema incident gara tort unikament tas-socjeta` konvenuta minhabba f'imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti meta fost affarijiet ohra l-konvenuti nomine ma pprovdewx ambjent tax-xoghol sikur skond kif tirrikjedi l-ligi.

Illi minhabba f'tali incident l-attur sofra danni permanenti u personali ta' natura "lucrum cessans" kif ukoll danni ta' "damnum emergens" kif se jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuti nomine interpellati formalment skond ittra tat-13 ta' Lulju, 1993, biex jersqu ghal-likwidazzjoni tad-danni, izda inutilment, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-attur talab lill-ewwel Qorti:-
i) Tiddikjara illi l-incident ta' l-14 ta' Settembru, 1992, fejn wegga' l-attur gara tort unikament tal-konvenuti nomine minhabba f'imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti.

ii) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

iii) Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu d-danni likwidati lill-attur.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni u bl-imghax.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA, KIF RAPPREZENTATA</u>**

2. Il-konvenuti nomine eccepew hekk:
Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-esponenti nomine ma kienu b'ebda mod traskurati, negligenti jew qatt hadmu minghajr tharis tar-regolamenti dwar il-protezzjoni tas-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-

xoghol jew naqsu milli jaghtu s-sigurta` necessarja fuq il-post tax-xoghol.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili b'sentenza taghha tat-18 ta' Frar, 2000, fl-ismijiet premessi ddikjarat illi l-incident ta' l-14 ta' Settembru, 1992, fejn wegga' l-attur gara tort tal-konvenut nomine b'persentagg ta' 50%, illikwidat id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm576 u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm576, "bl-imghax mil-lum" cioe` mid-data ta' l-istess sentenza, u ordnat li l-ispejjez jithallsu nofs kull wiehed bejn il-kontendenti.

**L-APPELL TA' L-ATTUR**

4. L-attur hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona appella minnha fuq l-aggravji segwenti:
(I) Illi mill-ewwel ghandu jinghad illi l-ewwel Qorti telqet minn premessa zbaljata meta ddikjarat is-segwenti:

"L-azzjoni promossa mill-attur mhix wahda ex contractu, ibbazata fuq ksur ta' xi artikolu tal-Ftehim Kollettiv. L-attur, fit-talbiet tieghu qieghed jitlob dikjarazzjoni ta' responsabilita` tal-konvenuti nomine u rizarciment ghad-danni sofferit minnu."

Illi dan m'huwiex korrett. Kif sostna l-appellant fl-ahhar nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata quddiem l-ewwel Qorti, il-gurisprudenza iktar ricenti stabbiliet illi r-relazzjoni bejn impjegat u 'employer' m'hix regolata a bazi ta' l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili, ossia l-artikolu li jitkellem dwar negligenza, izda hija regolata mill-Kapitolu 107 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant fl-istess nota ikkwota numru ta' sentenzi li jikkonfermaw dan, u f'dan ir-rigward qed issir ampja referenza ghall-istess nota. Huwa veru illi fil-premessi tac-citazzjoni ta' l-attur giet attribwita negligenza fl-agir tal-konvenuti pero` dan il-fatt bl-ebda mod ma jfisser li din il-gurisprudenza ricenti ma tapplikax. L-appellant jissottometti illi f'dan il-kaz, il-konvenuti naqsu milli jaderixxu ma' l-obbligi taghhom taht il-Kapitolu 107 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-ahhar nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturipprezentata quddiem l-ewwel Qorti fejn gie sottomess illi l-artikolu relevanti huwa l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili.  Is-sottomissjonijiet ta' l-appellant dwar l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu gew skartati kompletament mill-ewwel Qorti.  Gew skartati wkoll is-sentenzi li kkwota l-appellant fosthom il-kawza fl-ismijiet *Emanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe* (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1994;  Citaz. nru. 274/88) fejn gie deciz hekk:

*"Finalment l-appellanti socjeta` ma apprezzatx dak li l-gurisprudenza stabbiliet fl-interpretazzjoni tal-Kap. 107 rigward responsabilita` oggettiva ta' min ihaddem fil-kamp ta' l-industrija, fl-uzu ta' makkinarju, minhabba l-htiega li, sakemm dan huwa possibbli l-makkinarju ghandu jkun imhares b'mod illi ma jirrikax hsara lil min qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u prudenza li wiehed jistenna bhala normalita`."*

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-oneru tal-prova f'dawn it-tip ta' proceduri kwazi giet invertita.  Ma jispettax tant aktar lill-attur li jipprova sal-grad ta' probabilita` li l-employer kien negligenti, imma jekk l-employer isostni li l-impjegat kien negligenti allura l-oneru jaqa' fuqu.  Is-sentenza msemmija ta' relevanza tghid ukoll is-segwenti:

*"U dan biex jaghmel tajjeb ghal dak l-aljenazzjoni ta' attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura ta' l-attivita` industrijali."*

F'tali ipotesi zgur li l-ebda negligenza ma tista' tigi qatt attribwita lill-employer anke jekk ex admissis l-istess imployee jkun huwa stess wera xi oversight. Madanakollu, pero` tenendo kont in-natura ta' l-azzjoni xorta wahda l-employer irid jirrispondi ghal tali danni.

(II)  Illi l-ewwel Qorti tat hafna importanza lill-fatt illi l-appellant ma kienx liebes ilbies protettiv b'enfasi fuq iz-zarbun protettiv.  F'dan ir-rigward ghandu jinghad illi l-

appellant xehed illi kien liebes safety shoes. Is-socjeta` appellata mill-banda l-ohra esebiet safety boots. It-tezi ta' l-attur li hu kien liebes zarbun u mhux boots issib konfort mill-collective agreement fil-kapitolu intitolat *ilbies protettiv* fejn hemm specifikat illi kull impjegat irid ikun liebes safety shoes u mhux boots. L-appellant issottometta quddiem l-ewwel Qorti illi anke kieku kien liebes boots bhal dak esebit mis-socjeta` konvenuta dan xorta wahda kien ikorri minhabba li l-ferita li sofra kienet fuq (sic) 'il fuq mill-achilles tendon li bl-ebda mod ma kienet tkun protetta biz-zarbun esebit mis-socjeta` konvenuta. Dawn is-sottomissjonijiet ghalkemm maghmula fid-dettall quddiem l-ewwel Qorti gew totalment injorati fis-sentenza.

(iii) Illi jinghad ukoll illi ghalkemm l-ewwel Qorti tenniet lista ta' hames nuqqasijiet li l-appellant attribwixxa lill-konvenuti u li minhabba fihom gara l-incident, l-istess Qorti pero` ikkunsidrat biss fis-sentenza taghha l-kwistjoni dwar l-ilbies protettiv u tat-trolley. L-items l-ohra gew totalment injorati.

Illi b'mod partikolari l-appellant ressaq provi dwar kemm il-layout tal-work floor huwa ristrett. Hawn anke esebixxa dokumenti u numru ta' skizzijiet in sostenn ta' dan. Fil-fatt irrizulta wkoll illi wara li gietipprezentata din il-kawza, il-konvenuti spostaw l-imwejjed fejn jahdmu l-haddiema fis-sens illi tkabbar l-ispazju fejn dawn jistghu jahdmu. L-ewwel Qorti ma kkunsidratx dan lanqas.

Illi l-appellant mill-bqija, u a skans ta' ripetizzjoni, jaghmel ampja referenza ghaz-zewg noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati quddiem l-ewwel Qorti.

Illi finalment ghandu jinghad ukoll illi f'kawzi simili bhall-kawza [recte: bhal din il-kawza], il-Qrati taghna jiddikjaraw illi l-imghax huwa dovut mid-data ta' l-incident u mhux mid-data tas-sentenza kif iddecidiet l-ewwel Qorti f'din il-kawza. L-appellant per ezempju jiccita l-kawza fl-ismijiet *Anthony Turner et vs Francis Agius* deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Frar, 1998 per Imhallef G. Caruana Demajo.

Ghaldaqstant, l-attur appellant talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef David Scicluna tat-18 ta' Frar, 2000 fl-ismijiet premessi u tilqa' t-talbiet attrici fis-sens illi tiddikjara illi r-responsablita` kollha ta' l-incident in kwistjoni kienet tal-konvenuti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI NOMINE**

5. L-appellat nomine wiegbu hekk:

Illi l-esponenti gew notifikati bir-rikors ta' l-appell prezentat mill-attur li ghalih qed issir din ir-risposta.

Illi l-ewwel aggravju ta' l-attur huwa fis-sens li l-ewwel Onorabbli Qorti telqet minn premessa hazina meta qalet li l-azzjoni attrici mhix wahda ex contractu ibbazata fuq ksur ta' xi artikolu tal-Ftehim Kollettiv.

In realta`, meta wiehed jezamina l-azzjoni attrici ma jsib lanqas l-icken riferenza jew accenn ghall-Ftehim Kollettiv; in oltre l-azzjoni, kif proposta hija wahda semplici u tas-soltu fis-sens li l-attur talab id-dikjarazzjoni mill-Qorti li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-incident li fih huwa korra u wara l-istess attur ghadda biex jitlob lill-Qorti li tillikwida d-danni minnu sofferti u l-kundanna ta' l-istess socjeta` konvenuta ghal rizarciment tad-danni.

Kwindi l-ewwel Qoprti tajjeb irriteniet li ma hemm l-ebda ness mal-Ftehim Kollettiv u ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-attur ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu.

Illi t-tieni aggravju ta' l-attur huwa li l-ewwel Qorti tat piz zejjed ghall-fatt illi l-appellant ma kienx liebes l-ilbies protettiv. Dan huwa ovvju u cioe` li l-Qorti trid taghti l-piz ghall-fatt li l-attur ma kienx liebes, volontarjament, l-ilbies protettiv provdut mis-socjeta` konvenuta/employer. X'jippretendi l-attur illi huwa jigi moghti ilbies protettiv, ma jilbsux ghax hekk jidhirlu li ghandu jaghmel, ikorri u imbaghad ifittex lill-employer tieghu ghat-traskuraggni, li jfisser fost affarijiet ohra li ma nghatax ilbies protettiv, u jippretendi li jinghata ragun?

Dan it-tip ta’ ragunament huwa wiehed zbaljat u jvergi fuq l-assurd, bir-rispett kollu. Huwa ragunament li t-Taljani jghidu “Voglio e faccio!!”.

It-tielet aggravju ta’ l-attur huwa li l-ewwel Qorti ma tatx il-piz li kien jispetta ghall-aggravji varji li l-attur akkolla fuq is-socjeta` konvenuta. L-attur huwa zbaljat f’din is-sottomissjoni wkoll. L-ewwel Onorabbli Qorti tat il-piz lil dawk l-allegazzjonijiet li l-attur, skondha, irnexxielu jipprova.

Bir-rispett kollu s-socjeta` konvenuta lanqas ma taqbel illi l-attur irnexxielu jipprova xi nuqqasijiet fuq is-socjeta` esponenti rigward taz-zewg punti imsemmija. Is-socjeta` esponenti kienet obbligata, bhala employer serju, li tipprovdi l-ilbies protettiv. Dan l-obbligu hija adempitu diligentement u al cento per cento. Kien jispetta lill-attur, bhal ragel matur, li jara li jilbsu u jekk jaghzel li ma jaghmilx dan, ma jistax wara jigi ’l quddiem u jakkolla responsabilita` fejn ma tezistix. X’tista’ taghmel is-socjeta` konvenuta jekk l-impjegat taghha jirrifjuta li jilbes l-ilbies protettiv li tipprovdilu – tqacctu ’l barra? Certament li le, ghax il-Union tqum u tistrajkja. Kien jispetta lill-impjegat li jilbes dak l-ilbies protettiv li ipprovdietlu s-socjeta` konvenuta. Jekk dan ma jaghmlux huwa jirrispondi ghan-nuqqasijiet tieghu stess. *Chi é colpa del suo mal pinga se stesso*.

A rigward tat-trolley, l-ewwel Qorti irriteniet li s-socjeta` konvenuta ma gabet ebda prova li dan kien tajjeb u safe. Fil-fatt is-socjeta` konvenuta irnexxielha tipprova li dan it-trolley ma kienx xi wiehed izolat u differenti mill-ohrajn; gabet il-prova li dan it-trolley, bhat-trolleys kollha taghha, ilhom jintuzaw ghal zmien twil fl-istess fabbrika; gabet il-prova li dawn it-trolleys kienu maghmula to size biex jiffittjaw fihom dawk is-sinks li jigu mahduma mill-impjegati stess u illi kellhom jinzammu fin-naha tal-lemin meta l-attur poggih warajh.

L-iskop li jitpogga fuq il-lemin mhux kappriccjuz izda dettat mill-esigenzi tal-mestjer u hekk studjat minn min ivvinta l-

istess trolley ghax-xoghol partikolari. Jekk mhux ghal xejn, kieku t-trolley kien fuq il-lemin ta’ l-attur huwa kien jara s-sink li zzerzaq niezel u kien jirnexxielu jevita l-incident ghax kien izommu milli jkompli jizzerzaq.

Ghalhekk, jidher car li s-socjeta` konvenuta ghamlet dak kollu minnha mistenni fic-cirkostanzi u ma holqot ebda “danger zone” ghall-impjegati taghha.

Ghal dawn il-motivi l-appellat nomine, jissottometti illi l-appell intavolat mill-attur ma ghandux jigi akkolt u ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

6. L-aggravji ta’ l-attur appellant jistghu jigu in succint migburin hekk:

i) li l-ewwel Qorti telqet minn premessa zbaljata meta qalet li l-azzjoni promossa mill-attur mhix wahda <u>ex contractu</u> bbazata fuq ksur ta’ xi artikolu tal-Ftehim Kollettiv izda wahda ghal dikjarazzjoni ta’ danni;

ii) l-ewwel Qorti tat hafna importanza lill-fatt li l-attur ma kienx liebes ilbies protettiv, specjalment zarbun protettiv;

iii) li l-ewwel Qorti kkunsidrat biss il-kwistjoni ta’ l-ilbies protettiv u tat-‘trolleys’ u mentri injorat il-provi dwar kemm il-‘layout’ tal-‘work floor’ fil-fabbrika fejn sehh l-incident hu ristrett;

iv) f’kawzi simili l-imghax jigi ddikjarat dovut mid-data ta’ l-incident u mhux mid-data tas-sentenza kif irriteniet zbaljatament l-ewwel Qorti.

**<u>Dwar l-Ewwel Aggravju</u>**

7. Din il-Qorti, wara li ezaminat dan l-ewwel aggravju, assolutament ma tasalx biex tifhem il-lanjanza ta’ l-attur fis-sens li huwa qieghed jikkritika l-mod kif l-ewwel Qorti impustat primarjament din il-kawza – gustament fil-fehma ta’ din il-Qorti – bhala wahda bbazata <u>ex delicto</u>, <u>meta fl-ewwel lok kien l-attur stess</u> li sejjes il-kawza tieghu fuq din

il-bazi. Ibda biex fl-att tac-citazzjoni ma hemm ebda riferenza lejn xi rabtiet kuntrattwali. L-affidavit ta' l-attur imbaghad (fol 10 (a) – 10) lanqas ma jirreferi ghal xi kuntratt partikolari imma jidhol mill-ewwel dettaljatament fuq kif sehh l-incident li fih korra l-attur fuq il-lant u fil-kors tax-xoghol tieghu bhala impjegat tas-socjeta` konvenuta. Qabel ma l-ewwel zewg esperti gudizzjarji estendew ir-relazzjoni taghhom, l-attur ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet estensiva (ara fol 64 – 67) li fiha, u proprju fil-bidu taghha (ara t-tieni paragrafu, fol 64) jesponi hekk,

"L-attur jikkontendi li ghad-danni li sofra ghandu jaghmel tajjeb il-konvenut minhabba negligenza u skond kif jipprovdi l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili." (Sottolinear tal-Qorti)

Ma hemm imsemmi ebda rabtiet kuntrattwali f'din in-nota, kif beda jelabora ferm wara l-attur.

8. Wara l-prezentata ta' l-ewwel relazzjoni, l-attur ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet ohra (fol. 153 – 162), iktar estensiva minn dik ta' qabila, u dan per via ta' nota ta' kritika ghall-istess relazzjoni. L-ilment li biha l-attur jintroduci din in-nota ta' kritika (ara fol. 153, l-ewwel paragrafu) jghid hekk,

"Illi bir-rispett kollu l-attur jilmenta li l-perit legali ma ghamilx ezami profondit bizzejjed tal-provi u l-fatti". (Sottolinear tal-Qorti)

L-ewwel darba mbaghad fejn l-attur jalludi ghall-'collective agreement' huwa a fol. 157 tan-nota u dan merament biex juri li skond il-Ftehim Kollettiv (ara Dok AG1, fol. 125A), is-socjeta` konvenuta suppost ipprovdietlu 'safety shoes' u mhux 'boots' bhala lbies protettiv.

F'nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri imbaghad, in data tas-26 ta' Lulju, 1999 – jigifieri kwazi sitt (6) snin wara li intavola l-kawza – l-attur f'daqqa wahda jissottometti inter alia (ara l-ewwel paragrafu a fol. 178) hekk,

"Illi l-perit legali jidher li kkonkluda r-rapport tieghu billi kkunsidra illi l-azzjoni odjerna qed tigi bbazata fuq l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu, pero`, ma ghadux l-artikolu li tiddifenixi (recte jiddifenixxi) ir-relazzjoni bejn l-'employer' u l-'employee'." (Sottolinear tal-Qorti)

Issa jekk dan huwa minnu, allura jfisser ukoll li dak li kien issottometta aktar qabel l-attur stess kien zbaljat.

9. L-attur imbaghad ikompli hekk (ibid fol. 178)
"Illum din ir-relazzjoni hija definita bl-applikazzjoni tal-Kapitolu 107 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, issa din il-pendenza ma tistax aktar tigi kkunsidrata bhala wahda ex delicti pero` bhala wahda ex contracti (recte: ex delicto u ex contractu). F'dan is-sens huwa obbligu kuntrattwali da parti ta' l-'employer' li jipprovdi 'a safe place of work' ghall-impjegati."

Jirreferi inoltre fl-imsemmija nota ghall-Artikolu 993 tal-Kodici Civili dwar l-obbligi kuntrattwali u jiccita kazistika in sostenn tas-sottomissjonijiet ulterjuri tieghu.

10. Fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, u tenut kont ukoll partikolarment tax-xorta ta' provi li ressaq l-attur, l-ewwel Qorti kienet gustifikata li tikkunsidra li "l-azzjoni promossa mill-attur mhix wahda ex contractu, ibbazata fuq ksur ta' xi artikolu tal-Ftehim Kollettiv".

Kellhom ghalhekk, kompliet telabora l-ewwel Qorti, u dan gustament, japplikaw "l-artikolu tal-Kodici Civili u l-principji derivanti". Minkejja dan pero`, l-ewwel Qorti mhux minnu li skartat in toto l-Ftehim Kollettiv (ibid, fol. 125(A)). Anzi, l-ewwel Qorti ziedet telabora li (ara fol. 209),
"Il-Ftehim Kollettiv huwa dokument rilevanti u importanti sabiex jghin biex jistabilixxi r-responsabilita` totali jew parzjali bejn il-kontendenti." (Sottolinear tal-Qorti)

11. Is-suespost ixejjen ghalhekk kull kritika li saret mill-attur taht dan l-aspett. L-attur irid jifhem li huwa ma setax joqghod jisposta l-bazi tal-premessi tieghu ghall-konvenjenza tieghu. Huwa minnu li l-attur jirreferi ghal numru ta' sentenza li huwa jghid li jiggjovaw it-tezi tieghu dwar li l-azzjoni tieghu kellha tigi kunsidrata bhala wahda bazata fuq rabtiet kuntrattwali, pero` huwa lanqas jelucida kif ezattament kien hemm ftehim kuntrattwali specifiku bejnu u bejn is-socjeta` appellata. Li hu cert, pero`, hu li, fi kwalsiasi kaz, il-gurisprudenza nostrali zviluppat b'mod u manjiera li fuq min ihaddem gie impost l-obbligu li jipprovdi sistema sikura fuq il-lant tax-xoghol ghall-impjegati tieghu, u li tali konsiderazzjoni giet debitament mistharrga mill-ewwel Qorti. Konsegwentement, u dejjem dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju hu wiehed manifestament infondat u li jirrazenta l-fieragh, u qed jigi ghalhekk respint.

**Dwar it-tieni u t-tielet aggravji**

12. Il-Qorti issa sejra tezamina flimkien it-tieni u t-tielet aggravji billi t-tnejn li huma jikkoncernaw kritika maghmula fil-konfront ta' l-ewwel Qorti ghall-mod kif din evalwat u finalment iddecidiet il-provi fattwali, u fejn skond l-attur, l-ewwel Qorti kienet zbaljata.

13. Bilkemm ghandu jigi ribadit il-principju li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt, din il-Qorti ma tiddisturba qatt leggerment dik l-istess evalwazzjoni ta' l-ewwel Qorti li quddiemha jkunu ngiebu l-provi, sakemm ma jkunx hemm raguni jew ragunijiet gravi u serji li jissuggerixxu mod iehor. Issa fil-kaz in ezami huwa minnu li l-parti l-kbira tal-provi nstemghu mill-esperti tal-Qorti imma jidher kjarament li, bil-maqlub ta' dak li ssottometta l-attur, l-ewwel Qorti gharblet akkuratament kemm il-provi prodotti kif ukoll is-sottomissjonijiet li sarulha miz-zewg nahat. Tant hu hekk li jigi nnutat li filwaqt li l-perit legali (ara para. 28.4 tar-relazzjoni, a fol. 107 tal-process) kien tal-parir li l-htija kontributorja attribwibbli lis-socjeta` konvenuta kellha tkun fi grad ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%), l-ewwel Qorti ma kienitx ta' l-istess fehma. Di fatti, l-ewwel Qorti qasmet u apporzjonat ir-responsabilita` ghas-sinistru ugwalment

bejn naha u ohra jigifieri ‘employer’ u ‘employee’, b’mod allura li l-kontributorjeta` f’dik li hija responsabilita` tas-socjeta` konvenuta giet irduppjata minn kif suggerit mill-perit legali, filwaqt li dik ta’ l-attur giet ridotta bi kwart.

14. Wara li din il-Qorti regghet ezaminat sew il-provi ta’ fatt, hija ma jidhrilhiex li hemm lok li tigi varjata dik il-parti tas-sentenza appellata dwar ir-responsabilita` minn kif hemm deciz fiha. Jidher evidenti li l-ewwel Qorti gharblet sew il-fatti u l-kostatazzjonijiet taghha huma f’lokhom.

15. L-attur ghadu jissottometti li l-htija kollha ghal dak li gara kienet attribwibbli ghal nuqqasijiet min-naha tas-socjeta` appellata. Il-provi pero` ma jurux hekk, u dan apparti diversi allegazzjonijiet ta’ l-attur rigwardanti nuqqasijiet tas-socjeta` konvenuta li baqghu mhux sufficjentement sostanzjati. Din il-Qorti mhux biss taghmel taghha ghalhekk dak li osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata imma zzid maghhom is-silta segwenti mehuda mid-deposizzjoni in kontro-ezami ta’ Stephen Attard, haddiem, <u>prodott b’xhud mill-attur stess bhala xhud tieghu</u>, li hija elokwenti bizzejjed riferibbilment ghad-diversi sottomissjonijiet ta’ l-attur li s-socjeta` konvenuta naqqset mill-obbligi taghha li tipprovdi ilbies protettiv lill-attur fuq il-lant tax-xoghol u b’hekk kienet tahti totalment hi ghall-korriment li garrab l-attur fl-incident <u>de quo</u>, u mnejn jidher kemm il-posizzjoni kienet xort’ohra. Id-deposizzjoni segwenti hija mehuda mix-xhieda moghtija minn Stephen Attard fis-seduta datata 10 ta’ Gunju, 1994 (fol. 53 (taht nett) sa fol. 56)

fol. 53 “<u>Dr Joseph Schembri ghall-konvenut nomine:</u> Dakinhar x’zarbun kien liebes (l-attur) taf?

<u>Xhud:</u> Minghalija sandli kien liebes.

Fol. 54 <u>Dr Schembri:</u> Sandli? Voldieri ‘safety shoes’ taf kellux fuqu?

<u>Xhud:</u> Le ma kellux ‘safety shoes’.

<u>Dr Schembri:</u> Zgur li ma kellux, hux hekk (?)

Xhud: Zgur.

Dr Schembri: Ingwanti kellu dakinhar?

Xhud: Le.

Dr Schembri: Lanqas. U l-hwejjeg tieghu, x'kien liebes?

Xhud: Kien liebes shorts u T-shirt.

Fol. 55 "Dr Schembri: Voldieri l-uniformi li jaghtukhom il-fabbrika lanqas kien jilbisha?

Xhud: Le.

Dr Schembri: Kienet dik in-nhar biss li (l-attur) ma libisx dawn l-affarijiet fit-tlett xhur li kont tafu inti?

Xhud: Le.

Dr Schembri: Gieli libishom dawn l-affarijiet, jew qatt ma libishom sa fejn tafu int?

Xhud: Sa fejn naf jiena kien jigi bis-sandli.

Dr Schembri: U jibqa' bih?

Fol. 56 Xhud: Jibqa' bih (i.e. bis-sandli).

Dr Schembri: U jibqa' bil-qmis u bix-shorts u ma kien jilbes la ngwanti u ma kien jilbes xejn. Il-kumpanija kienet tipprovdilu l-'protective clothing' u hu ma kien jilbes assolutament xejn, sewwa?

Xhud: Sewwa."

16. L-incident de quo sehh peress li kien hemm 'sink' li gheleb jew inqaleb u laqat lill-persuna ta' l-attur. Is-'sink' gheleb minhabba l-fatt li dan dahal gewwa xaqq ta' l-injam tat-'trolley' supplit mis-socjeta` appellata. L-analizi u l-

konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti b'riferenza ghad-dinamika ta' l-incident hija s-segwenti,
"Huwa veru illi kieku l-attur stakkja (sic) s-sink tajjeb kien ikun hemm probabilita` illi dan (l-incident) ma kienx jigri. Izda ghandu jigi kkunsidrat ukoll illi li kieku ma kienx hemm dan ix-xaqq is-'sink' ma kienx jeghleb. Il-konvenuti ma ressqux provi dwar it-'trolley' involut fl-incident fis-sens illi dan kien 'safe' bhal ohrajn disinjati bhalu."

Din il-Qorti tikkondividi pjenament din il-fehma. Hemm fl-ahharnett sensiela ta' allegazzjonijiet varji da parti ta' l-attur biex juri li l-ambjent fejn kien jahdem kien wiehed "unsafe" u ristrett izda l-provi f'dan ir-rigward kienu insufficjenti min-naha attrici.

Ghalhekk it-tieni u tielet aggravji qeghdin jigu respinti.

**<u>Dwar l-aggravju koncernanti hlas ta' interessi</u>**

17. L-ewwel Qorti, wara li llikwidat l-ammont dovut bhala sorte li kellha thallas is-socjeta` konvenuta in linja ta' danni, imponiet interessi <u>mid-data tas-sentenza</u>.

L-attur jikkontendi li din il-parti tas-sentenza kienet zbaljata. Sostna li l-interessi f'kawzi simili kellhom jibdew jiddekorru mid-data ta' l-incident u mhux kif iddecidiet l-ewwel Qorti. Huwa ccita sentenza in re: <u>Anthony Turner et vs Francis Agius</u>, moghtija mill-Prim Awla fis-17 ta' Frar, 1998 in sostenn. Fejn naqas hawn l-attur appellant kien li jkompli jsegwi x'gara minn dik is-sentenza. Fil-fatt is-sentenza citata giet appellata u din il-Qorti (ara sentenza moghtija fit-28 ta' Novembru, 2003) spiccat biex <u>varjat</u> dak li ddecidiet l-ewwel Qorti ghar-ragunijiet imsemmija fiha u fejn <u>inter alia</u> qalet hekk,
"…. l-interessi f'dan il-kaz ghandhom jibdew jitqiesu b'effett mid-data tas-17 ta' Frar, 1998, <u>data ta' l-ewwel sentenza</u>, <u>sal-pagament effettiv</u>."

Kjarament ghalhekk jirrizulta li l-aggravju dwar l-interessi huwa infondat. Multo magis dan ir-ragjonament jghodd fil-kaz in ezami meta apparti l-kontestazzjoni sfieqa dwar ir-responsabilita`, kienet tirrenja incertezza kbira dwar l-ammont ta' danni talvolta dovuti. Fil-fatt din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li d-dizappunt ta' l-attur u dak li inducieh li jappella mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti kien l-ammont baxx li gie likwidat lilu bhala danni. Li gara evidentement kien li l-ewwel 'assessment' dwar dizabilita` li pproduca l-attur kien addirittura joxxilla bejn hmistax fil-mija (15%) sa massimu ta' tletin fil-mija (30%) – ara stima 'ex parte' – Dok K, fol. 15 –16 tal-process. Wara l-prezentata ta' l-ewwel relazzjoni pero` dan il-percentwal tnizzel ghal sitta fil-mija (6%). L-attur talab in-nomina ta' periti addizzjonali bir-rizultat li l-percentwal gie dimezzat u tnizzel ghal tlieta fil-mija (3%). Peress imbaghad li l-attur kellu jgorr nofs mit-tort ghall-incident de quo, l-ammont ta' danni safa' ridott drastikament u billi wkoll il-"multiplier", konsiderata l-eta` ta' l-attur, kien wiehed baxx, is-sorte kienu biss dawk kif likwidati finalment. Anzi, l-ewwel Qorti kienet ghaqlija bizzejjed biex, fic-cirkustanzi, tiskarta l-ezercizzju li normalment jigi applikat f'kazi ta' hlasijiet "lump sum" ghaliex altrimenti s-sorte kienu jiehdu daqqa ohra 'l isfel.

Mill-bqija, dana l-aggravju wkoll huwa infondat u qieghed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-attur, b'dana li l-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-ewwel istanza jibqghu invarjati, filwaqt li dawk dwar it-tieni stanza jithallsu interament mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------